# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 24 ta' Novembru 2017**

**Numru 8**

**Rikors numru 15/10 RGM**

**Antonia Fenech f'isimha proprju u ghan-nom tat-tifel minuri taghhom Fabio Fenech**

**v.**

**Emmanuel Fenech**

**Il-Qorti:**

Rat is-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) moghtija fis-27 ta' Ottubru 2016 li l-partijiet l-aktar importanti taghha qed jigu riprodotti ghall-ahjar intendiment:

> "Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-
>
> 1. "Peress illi l-partijiet izzewgu fl-20 ta' Awwissu 1972, skont l-anness certifikat taz-zwieg;

2. “U peress illi miz-zwieg ta' bejn il-kontendenti, twieldu hamest itfal li jisimhom (i) Nicholas Anthony, (ii) Horace, (iii) Simon Paul, (iv) Darren Angel u (v) Fabio;

3. “Illi llum il-gumata t-tfal kollha huma maggjorenni, ghajr Fabio li twieled fl-ghaxra (10) ta' April 1993, u jinsab fil-Form 5;

4. “U peress illi l-imsemmi Emmanuel Fenech rrenda ruhu hati kontra 1-attrici, minhabba adulterju, swat, vjolenza, eccessi, minacci u ingurji gravi, b'mod li rrenda impossibbli l-hajja konjugali bejniethom;

5. “U peress illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-seperazzjoni personali, permezz ta' digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja), fl-atti tal-medjazzjoni 554/2009 u 1157/09 CM;

“Ghaldaqstant, jghid il-konvenut prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna l-ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex-

1. “Tippronunzja s-seperazzjoni personali bejn il-konjugi Fenech minhabba swat, vjolenza, servizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi li l-imsemmi Emmanuel Fenech kkommetta fuq martu;

2. “Tafda l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri Fabuio f'idejn l-attrici;

3. “Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghaliha u/jew ghall-imsemmija tfal minuri dik ir-retta alimentarja lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa skont il-bzonnijiet ta' l-attrici u l-mezzi ta' zewgha, liema retta alimentarja tkun pagabbli fil-jum u hin li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa;

4. “Ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f’zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut, occorrendo billi jigi nominat perit sabiex jivvaluta l-fondi, u nutar biex jircievi l-att opportun, u kuratur, biex jirraprezenta l-kontumaci fuq l-istess att;

5. “Tikkundanna lill-konvenut jirritoma (bil-pussess battal) lill-attrici l-assi parafernali kollha taghha, mobbli u immobbli;

6. “Tawtorizza lill-attrici tghix fid-dar matrimonjali, 22 Triq il-Qiegha, Siggiewi flimkien mal-minuri ad eskluzjoni tal-konvenut;

7. “Tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili;

“Bl-ispejjez kontra l-konvenut, li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

“Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut ipprezentata fis-17 ta’ Marzu 2010 li taqra kif gej:-

1. “Illi huwa jaqbel ma' l-ewwel talba attrici purche' s-separazzjoni ma tkunx ippronunzjata minhabba tortijiet attribwibbli lill-konvenut izda tortijiet attribwibbli lill-attrici fosthom swat, sevizzi u ingurji gravi.

2. “Illi l-attrici mhijiex idonea li tassumiha hi l-kura u l-kustodja tal-minuri Fabio.

3. “Illi l-attrici iddekadiet mid-dritt taghha milli titlob manteniment minghand zewgha, u fi kwalunkwe kaz wara l-likwidazzjoni ta' l-assi se jkollha bizzejjed biex tghix. Gialadarba 1-konvenut jinghata l-kura u l-kustodja ta' ibnu allura l-ebda manteniment ma jkun dovut lill-attrici.

4. “Illi huwa jaqbel mar-raba' talba attrici purche li l-qasma mhux necessarjament issir f'zewg porzjonijiet ugwali.

5. “Illi l-konvenut ma ghandu f'idejh l-ebda assi parafernali ta' martu l-attrici. Fi kwalunkwe kaz huwa qatt ma oggezzjona illi martu tiehu dak li hu parafernali taghha.

6. “Illi a rigward is-sitt talba din hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda peress illi sabiex din it-taiba tigi milqugha dan il-fond irid jigi assenjat lilha. L-attrici ma ghandha l-ebda dritt aktar minn zewgha fuq dan il-fond.

7. “Illi s-seba' talba ghandha tigi michuda peress illi l-konvenut ma jahtix ghas-separazzjoni.

8. “Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

“Rat in-nota tal-attrici ppresentata fit-13 ta’ April 2010 wara d-digriet tal-Qorti tat-8 ta’ Marzu 2010, dwar il-pretensjonijiet taghha;

“Rat l-affidavit tal-attrici anness ma nota ppresentata fid-9 ta’ Lulju 2010;

“Rat d-digriet tat-3 ta’ Novembru 2010 fejn il-Qorti ordnat li z-zewg kawzi bejn l-istess partijiet jinstemghu kontestwalment;

“Rat il-verbal registrat fis-seduta tas-16 ta’ Novembru 2010 fejn il-Qorti nnominat lill-Avukat Dottor Anne Marie Mifsud bhala perit legali;

“Rat x-xhieda tal-attrici u tal-konvenut in subizzjoni moghtija fis-seduta tas-17 ta’ Frar 2011 mizmuma mill-perit legali;

“Rat r-rapport li sar mill-attrici fl-Ghassa tal-Pulizija ta’ Hal Qormi fis-17 ta’ Gunju 2010 dwar insulti u theddied da parti ta’ zewgha;

“Rat x-xhieda ta’ Christina Farrugia ghal Banif Bank Malta plc, Dottor Aaaron Brancaleone ghal Bank HSBC Global Asset Management (Malta) Limited, Jeanette Lepre’ ghal Lombard Bank (Malta) plc, David

Galea ghal APS Bank Limited, u Romuald Attard ghal Bank of Valletta plc li xehedu fis-sedutatal-24 ta' Marzu 2011 mizmuma mill-perit legali;

"Rat x-xhieda ta' Enrico Depasquale ghal MSV Life plc u Audrey Ghigo ghal HSBC Bank (Malta) plc li xehdet fis-seduti tat-3 u tas-16 ta' Mejju 2011 mizmuma mill-perit legali;

"Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2011 fejn d-difensuri tal-partijiet qablu li l-fond fi Triq il-Qiegha, Siggiewi hu propjeta' parafernali ta' Antonia Fenech u Emmanuel Fenech ma ghandu l-ebda oggezzjoni li jigi mikri u dan biex Antonia Fenech tkun tista' tikkumplimenta mal-manteniment stabbilit;

"Rat ix-xhieda tal-konvenut li xehed fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2011 mizmuma mill-perit legali;

"Rat r-rapport kriminali li l-attrici ghamlet fil-konfront ta' zewgha anness ma' nota ppresentata fl-14 ta' Lulju 2011;

"Rat n-nota tal-konvenut ippresentata fil-25 ta' Lulju 2011 fejn elenka il-propjeta' immobiljari tal-komunjoni u l-valuri rispettivi skont stima tal-Perit Joseph Cassar;

"Rat ix-xhieda ta' George Cremona, ghad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, Romuald Attard, ghal Valletta Fund Management, u Enrico Depasquale ghal MSV Life plc li xehedu fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2011 mizmuma mill-perit legali, George Cremona rega' xehed fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2011;

"Rat in-nota tal-partijiet tad-19 ta' Ottubru 2011 li biha ddikjaraw li l-valur tal-komunjoni tal-akkwisti taghhom hu ta' Euro 650,000

"Rat in-nota tal-attrici tal-21 ta' Ottubru 2011 li maghha gew annessi l-affidavit ta' ulied il-partijiet, Horace Fenech, Simon Paul Fenech,Fabio Fenech u Kolanthony Fenech;

"Rat x-xhieda tal-partijiet li xehedu fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2011 mizmuma mill-perit legali;

"Rat ix-xhieda ta' Colanthony Fenech, li xehed fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2012, u fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2012, tal-attrici in kontroezami li xehedet fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2012, ta' Horace Fenech li xehed fis-seduta tat-28 ta' Marzu 2012 u tal-25 ta' April 2012, tal-konvenut li xehed in kontroezami fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2012, ta' Simon Paul Fenech li xehed in kontroezami fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2012.

“Rat l-affidavit tal-konvenut anness ma nota ppresentata fl-14 ta’ Settembru 2011, u n-nota tieghu fejn ippropona pjan ta’ divizzjoni tal-assi tal-komunjoni;

“Rat ir-relazzjoni tal-Perit Alan Saliba ippresentata fit-30 ta’ Ottubru 2012;

“Rat ix-xhieda ta’ Fabio Fenech li xehed in kontroezami fis-seduta tat-12 ta’ Novembru 2012 mizmuma mill-perit legali; tal-konvenut in kontroezami li xehed fis-seduta tas-26 ta’ Marzu 2013 , tas-6 ta’ Gunju 2013, tas-27 ta’ Marzu 2014 u tas-16 u 29 ta’ Lulju 2014 mizmuma mil-perit legali, u ta’Darren Fenech li xehed fis-seduta tas-6 ta’ Jannar 2014;

“Rat n-nota ta’ sottomissjoinijiet tal-attrici ppresentata fil-11 ta’ Novembru 2014;

“Rat ir-relazzjoni tal-espert kalligrafu Dottor Martin Bajada ppresentata fl-10 ta’ Gunju 2015;

“Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenut ippresentata fit-18 ta’ Awwissu 2015;

“Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dottor Anna Maria D’Agostino mahlufa fit-8 ta’ Marzu 2016;

“Rat in-nota tal-konvenut ippresentata fit-18 ta’ Awwissu 2015;

“Rat il-verbal registrat fis-seduta tad-9 ta’ Gunju 2016 meta l-Qorti ddiferiet il-kawza ghas-sentenza ghallum.

“**IL-PROVI.**

“L-attrici, Antonia Fenech, fl-affidavit taghha mahluf fit-30 ta’ Gunju 2010, Fol 74 et seq, iddikjarat li zzewwget lill-konvenut fl-20 ta’ Awwissu 1972 wara sena gherusija. Kellhom hamest itfal Kolanthony,Horace,Simon Paul, Darren Angel u Fabio. Hi ghamlet hdax il-sena tahdem bhala nurse/carer fid-Dar tal-Provvidenza tas-Siggiewi, xoghol li bdiet meta kienet ghadha xebba u kompliet ghal diversi snin wara iz-zwieg. Hi ddedikat ruhha kompletament ghax-xoghol tad-dar u t-trobbija tal-ulied, qatt ma impjegat lil xi hadd biex jghinha fil-faccendi tad-dar.

“B’dispjacir kbir kienet kostretta li tipprocedi b’din il-kawza billi hi stess rat lil zewgha jizfen u jitbewwes ma’ mara ohra f’San Pawl il-Bahar; telaq mid-dar sentejn qabel, ha hwejjgu u l-anqas qalilha; kontinwament jheddidha bis-senter li jaghtija tir f’mohha tant li ghamlet mill-anqas tlett rapporti fl-Ghassa ta’ Hal-Qormi;, kien vjolenti maghha meta kellha sitt xhur tqala bit-tifel Darren; darba ohra gheddidha li

joqtolha u ghamlilha mus ma ghonqha; kien jerfa' idejh fuqha ghal sittax il-sena shah u darba sakkarha fil-kamra tas-sodda ghal tlett sieghat u wara infarget u tilfet hafna demm wara li refa' idejh fuqha. Tghid li baghatiet hafna mieghu, ma tridx tibqa' il-vittma tal-vjolenza tieghu u ma tridhux f'darha issa li qed jara mara ohra.

"Zewgha telaq mid-dar fis-6 ta' April 2009, u sa xahar qabel kien izomm senter taht is-sodda fuq in-naha fejn jorqod hu, u meta staqsietu dwaru qalilha li kien ghaliha. Zewgha kien responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg bil-vjolenza tieghu kemm maghha kif ukoll ma' uliedhom li uhud minnhom ma jkellmuhx. It-tfal kollha ghandhom 'l fuq minn tmintax il-sena, f'dak iz-zmien li ppresentat l-affidavit it-tifel Fabio kellu sittax il-sena. Hi ghalhekk ma ghadhiex tircevi c-Children's Allowance, billi din ma tibqax tinghata wara li t-tfal jalqghu is-sittax il-sena.

"Hi kkofermat li l-ammont ta' Euro 117 fix-xahar manteniment li zewgha jaghatiha ghal Fabio ma humhiex sufficjenti billi it-tifel bi hsiebu jkompli bl-istudju fl-Universita' u ghandu hafna spejjes bhal computer, internet, kotba u spejjes ghall-ezamijiet, u dan apparti l-ikel il-hwejjeg u diversi spejjes ohra.

"L-attrici ddikjarat li bejn is-6 ta' April 2009 u l-ahhar ta' Novembru 2009 il-konvenut ma hallasha xejn ghall-manteniment ta' Fabio. Zewgha ma wiret l-ebda propjeta' minn ghand il-ġenituri tieghu, mentri hi wirtet il-post/fabbrika 13 u 17 Triq il-Qiegha, Siggiewi.

"Fiz-zwieg xtraw diversi propjetajiet u cioe' s-segwenti:

"Garages bin-numri 470 u 471 Triq Mons Mikiel Azzopardi, Siggiewi, kuntratt tan-Nutar Anthony Abela tal-24 ta' Awwissu 1993.

"Il-fond/maisonette numru 22 Triq il-Qiegha Siggiewi, fejn toqghod l-attrici flimkien ma' binha Fabio, u l-fond adjacenti 20A Triq il-Qiegha Siggiewi fejn jistudja Fabio, kuntratt tan-Nutar Philip Said tad-9 ta' Marzu 1992.

"Garage 95 Triq Blat il-Qamar, Siggiewi, kuntratt tan-Nutar Philip Said tal-4 ta' Gunju 1991.

"Bicca art gewwa Triq il-Farfett Tal-Fejgel, Haz-Zabbar, kuntratt tan-Nutar George Cassar tal-20 ta' Novembru 1981.

"Zewg garages retro posti ghall-fabbrika parafernali taghha fi Triq il-Qiegha Siggiewi li illum jipprovdu l-uniku access ghall-fabrika billi precedentement l-access kien minn fond adjacenti li hi ddonat lil binha Darren. Il-garages nxtraw b'kuntratt tan-Nutar Nicola Said tat-13 ta' Settembru 1978.

"Kellhom kamra l-Armier li ttrasferew lill-terzi, skrittura tal-25 ta' Awwissu 1998, Fol 123, bil-prezz ta' LM2,800 li l-attrci tghid li zammhom kollha zewgha , kif ghamel mill-bejgh ta' zewg plots f'Haz-Zabbar li nbieghu bil-prezz ta' LM30,000 u LM 42,000 rispettivament.

"Ghalqa fil-limiti tas-Siggiewi li nbieghet lil Marie Josette Grech Ellul bil-prezz ta' LM6,000, kuntratt tan-Nutar Dottor Mary Grech Pace tat-23 ta' Lulju 1998, Fol 125, Dok XYZ 10.

"Hi kkonfermat li fiz-zwieg nxtraw magni ghall-fabbrika fejn ghal 17 il-sena kienu jimmanufatturaw u jbieghu l-ghagin bl-isem 'Pasta Speciale' u kellhom negozju tajjeb hafna. Fil-fabbrika hemm xi 10 magni industrjali li hi ma tridhomx li kienu jiswew LM60,000 u illum jiswew l-ekwivalenti ta' LM 15,000.

"L-attrici elenkat diversi investimenti li ghandu zewgha u esebit id-dokumenti relattivi mmarkati Dok AFF1 sa AFF 9, Fol 78, kif ukoll kontijiet bankarji, id-dokumenti relattivi minnha esebiti gew immarkati Dok BFF 1 sa BFF 6. Tghid li zewgha qatt ma kien jghidilha x'investimenti kien ghamel jew jaghatiha informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji.

"Hi elenkat s-segwenti bhala propjeta' parafernali taghha:

"Sett tal-kikkri u plattini, l-ghamara tal-kamra tal-pranzu u tas-salott li hi wiertet minn ghand il-genituri taghha.

"Gradenza antika.

"Garra tal-fuhhar.

"Id-deheb li wirtet minghand il-genituri taghha, gizirajjen,labra,tlett crikett u zewgt criket naghla ta' missierha.

"Tghid li zewgha wiret biss id-deheb ta' ommu li jinsab fil-pussess tieghu u LM5,000 mill-bejgh tal-post tal-genituri tieghu.

"L-attrici tipprettendi sehemha mill-pensjoni li qed jircevi zewgha; hi pprezentat Dok BFF 7 (Fol 147) rendikont tat-taxxa li minnu jirrizulta li fis-sena 2009 zewgha rceva l-ammont ta' Euro 10,854 bhala pensjoni.

"Christina Farrugia ghal Banif Bank Malta plc, Fol 198 ikkonfermat li mir-ricerka li ghamlet ma sabet l-ebda kont f'isem Emmanuel Fenach I D 35249(M). Dottor

"Aaron Brancaleona ghal HSBC Global Asset Management(Malta) Limited, ikkonferma Fol 199, li fuq isem il-konvenut mis-sena 2000 infethu tlett kontijiet f'ismu wahdu u dawn il-kontijiet huma illum maghluqin. Hu esebixxa lis-statements relattivi Dok EF1, EF2 u EF3 li

juru d-dettalji tal-kontijiet u kkonferma li l-ammonti fit-tlett kontijiet ngiebdu u l-konvenut thallas b'direct credit fil-kont f'ismu 054 033873 050.

"Jeanette Lepre' ghall- Lombard Bank (Malta) plc ikkonfermat li ma sabet ebda kont fuq isem il-konvenut.

Romuald Attard, ghall-Bank of Valletta plc Fol 200, ikkonferma li mir-ricerki li ghamel sab kont wiehed Joint f'isem iz-zewg partijiet u hmistax il-kont f'isem il-konvenut wahdu, tnejn min dawn il-kontijiet huma intestati f'isem Darren u iehor f'isem Fabio. L-istatemants tal-kontijiet gew minnu esebiti u mmarkati Dok EF4 sa Dok EF19.

"Audrey Ghigo ghall-HSBC Bank (Malta) plc, Fol 322, ikkonfermat li mis-sena 2000 infethu 7 kontijiet fuq il-konvenut wahdu u kont iehor ma' terzi. Hi esebit l-istatements relattivi li gew immarkati Dok EF1 sa EF7.L-istatements tal-kontijiet markati Dok EF1 u EF2 jindikaw li l-kontijiet ghadhom attivi, il-kontijiet l-ohra kollha nghalqu.

"Romuald Attard, ghall-Bank of Valletta plc, Fol 323, ikkonferma li l-ammont li gie sbankat mill-kont joint mal-attrici, ta' LM5,000 gie depositat fil-kont numru 11701685056 li hu f'isem il-konvenut Emmanuel Fenech.

"Dwar Antonia Fenech irrizultalu li kien hemm sitt kontijiet, tlieta ghadhom attivi u tlieta nghalqu u ppresenta l-istatements relattivi markati Dok AF1 sa Dok AF6.

"Il-**Perit Joseph Cassar**, Fol 442, elenka, iddeskriva u vvaluta l-propjeta' immobbli tal-komunjoni b'dokument datat 22 ta' Settembru 2009. Il-propjetajiet nghataw il-valuri segwenti:

1. "Garage, 470 Mons. Mikiel Azzopardi Street, Siggiewi, b'area ta' 20 metru kwadru circa, valur……………..……….Euro19,000.
2. "Garage simili fl-istess triq l fl-istess daqs….Euro19,000.
3. "Garage ghal zewg vetturi 95, Blat il-Qamar Road, Siggiewi, b'area ta' circa 40 metri kwadri………………………..Euro40,000.
4. "Garage ghal vettura wahda 13, Triq il-Qiegha, Siggiewi b'area ta' 23 metri kwadri circa, li jipprovdi access ghal store retrostanti, ghandu valur fuq is-suq ta' circa…………………………………...Euro20,000.
5. "Garage ghal karozza wahda f'17 Triq il-Qiegha, Siggiewi, li jipprovdi access ghal zewg stores retrostanti, wiehed fil-ground floor u l-iehor fl-ewwel sular, vlur ta' circa …………………….Euro13,000.
6. "Plot fis-Siggiewi ta' circa 100 metru kwadru accessibbli biss minn garages ta' terzi f'13 u 17 Triq il-Qiegha, Siggiewi……Euro65,000.
7. "Ix-xogholijiet necessarji biex jinbnew l-istores gia' imsemmija fil-ground floor u fil-first floor jammontaw ghal circa……Euro32,000.

8. “Ground floor one bedroom maisonette fi 22 Triq il-Qiegha, Siggiewi ghandha valur fuq is-suq ta’ circa……………..Euro120,000.
9. “First floor maisonette 20A, Triq il-Qiegha, Siggiewi ghandha il-valur fuq ia-suq ta’ circa………………………………...Euro140,000.
10. “Garage ghal vettura wahda 20A, Triq il-Qiegha, Siggiewi, b’area ta’ xi 12 il-metru kwadru………………………………..Euro19,000.
11. “Terraced house fi stat shell Plot 7 St Margaret Street, Zabbar b’area ta’ circa 140 metri kwadri, b’valur ta’ Euro190,000.

“**Horace Fenech**, bin il-partijiet, fl-affidavit tieghu, Fol 485, mahluf fit-12 ta’ Ottubru 2011 ikkonferma li l-attrici ommu kienet marret fil-fond 22, Triq il-Qiegha, Siggiewi billi kienu jugawha saqajha u fejn kienu joqghodu qabel kellha 40 targa. Hu cahad li ommhom kienet issawwathom bil-bicca tal-art, izda missierhom kien isawwathom bic-cinturin. Missieru kien ma tul il-gurnata jbiegh il-haxix u fil-ghaxija jahdem ta’ watchman. Il-genituri kienu fethu il-fabbrika tal-ghagin li kienet wirtet ommu, u qabel jmorru lis-skola missierhom kien johodhom fil-hwienet jbieghu l-ghagin. Wara, xi 9am, kien johodhom lis-skola.

“Wara l-iskola kien jigborhom missierhom, kwarta biss fid-dar ghall-homework u wara, dritt ghall-fabbrika sal-10pm. Jghid li l-attrici qatt ma kienet vjolenti mal-ulied, u l-wirt taghha riedet taqsmu qabel mat-tfal biex kullhadd ikollu fejn joqghod. Ikkonferma li ommu dejjem hadet hsieb titmahhom u tlibbishom, kienet tiehu hsieb il-faccendi kollha tad-dar bhal hasil tal-art u hasil tal-hwejjeg. Missieru kien jghidlu biex jaghti lil ommu sehemu meta kien jahdem ‘inkella dabbar rasek’. Jghid li l-omm kienet dejjem mwerwra minn zewgha billi kien isawwatha. Missieru kien telaq mid-dar u mar jghix mat-tifel, Darren fejn qal li kien kuntent. Iddikjara li meta kellu 17 il-sena missieru kien tah post biex jirrangah u jmur fih, u hekk ghamel wara li ha hsieb ix-xogholijiet kollha billi fil-post ma kien hemm xejn.

“**Simon Paul Fenech**, bin il-partijiet, fl-affidavit tieghu, Fol 487, ddikjara li meta sentejn qabel il-genituri tieghu kienu bdew il-process ta’ separazzjoni kien qalilhom biex ma jdahluhx bejniethom. Ommu assikuratu li ma rieditx taqlalu inkwiet u hu kkonferma li jmur jaraha ta’ spiss fejn tghix ma’ huh Fabio. Jipprova jikkommunika mal-missier ukoll izda dan spiss ikollu il-mobile mitfi. Pero’ spiss jiltaqa’ mieghu fl-Imtarfa billi joqghod hemm. Missieru kien dejjem jghidlu li ried jaqsam mal-omm nofs bin-nofs, u hu kien jghidlu li huma kellhom jaslu ghal-ftiehim bejniethom u hadd izjed. Jiddikjara li kien iddispjacut b’dak li qal missieru fuq ommu fl-affidavit tieghu u ghalkemm fil-bidu kellu l-intenzjoni li ma jindahalx bejniethom, ma felahx ghall-qlajjiet ta’ missieru kontra ommu li tant hadmet u stinkat biex rabbiet hamest itfal.

“Il-missier kien jinsisti li t-tfal jghinuh fix-xoghol min mindu kienu zaghar. Wara l-iskola kien johodhom l-ghalqa u jgieghel lit-tfal, li ma

setghux jipprotestaw, jgorru il-kaxxi tal-haxix bhal basal u patata, kien jipprotesta ma' ommu li kien qed ibghati u hi kienet twissieh biex joqghod kwiet billi jekk jisimghu missieru jaghmel storbju shih. Kien jmur ma' missieru anke meta dan kien jkun fuq xoghol ta' watchman. Meta bdew bix-xoghol tal-ghagin t-tfal kienu jghinu fil-packing u fit-tqassim tax-xoghol fil-hwienet. It-tfal kollha kienu jahdmu mal-missier li pero' ma kienx jittrathom tajjeb. Kien jhallashom biss lira fis-siegha, huh il-kbir Kolanthony kien talbu zieda billi shabu kienu jithallsu ahjar izda l-missier ma ridx tant li huh telaq u mar jahdem ma' kuntrattur tal-gebel b'paga ahjar. Huh mar jghix il-Qrendi mat-tfajla billi l-missier kien jalaqlu il-bieb ta' barra meta johrog u jdum ma jirritorna.

"Anke huh Horace meta ghalaq 18 il-sena telaq u mar jahdem f'lukanda b'paga u kondizzjonijiet ahjar. Hu biss baqa' jahdem ma missieru u meta talbu z-zieda, missieru ma tah xejn. Kien jgaghlhom jahdmu il-Hdud biex jaqilghu xi haga aktar u jkunu jistghu johorgu mal-hbieb. Kienet tghinu ommu meta kien jkun nieqes mill-flus, dejjem biex izomm l-kwiet u jevita il-glied mal-missier. Ried jitlaq u jsib xoghol band'ohra izda ommu kienet tghidlu li kienet hasra li kapital bhal dak jispicca fix-xejn u ghalkemm hutu telqu kollha hu b'rispett ta' ommu issaporta u baqa' jahdem hemm. Missieru kien jghidlu li ma kienx hemm ghalfejn jziedu billi hu kien ser jiret kollox ghax hutu telqu. Wara xi zmien ,pero', beda jahdem ma' persuna fil-gebel b' paga ahjar u bil-ktieb tax-xoghol. Missieru kien igerger billi l-ulied kollha marru jahdmu man-nies u lil ommu kien jghidilha biex jaqtawhom mill-wirt. Ommu kienet dejjem tipprova tikkalma lil missieru, u li riedet lil kullhadd l-istess. Kien hadem xi xoghol biex l-omm setghet tmur f'post izjed komdu ghaliha b'sular wiehed billi ma baqghetx tiflah ghall-istrapazz u t-tarag.

"**Fabio Fenech**, bin il-partijiet, fl-affidavit tieghu, Fol 490, ikkonferma li jghix ma ommu,l-attrici, fil-fond 22, Triq il-Qiegha, Siggiewi. Hu jiftakar li ommu kienet dejjem tibki u tinkwieta minhabba missieru. Hu jiftakar li darba mar tieg mal-genituri tieghu, ixxarrab go fontana li kien hemm fil-post u meta irritornaw d-dar missieru tah xeba cinturin. Meta ommu marret taqbez ghalih, spiccat biex qalghet xi daqqiet hi ukoll. Darba ohra fil-presenza tieghu missieru qabad vazun ghal ommu u malli rah rega' nizzlu. Darba ohra tah daqqa ta' gebla f'rasu meta kienu fl-ghalqa u missieru ma riedux jara l-karta li kienu wahlulu l-MEPA dwar kamra li kellu fir-raba. Ommu u missieru kienu iggieldu fuq dan l-incident. L-omm qatt ma kienet issawwathom lit-tfal mentri missieru kien issawwat bic-cinturin. Jiftakar li darba missieru tah xebba ghax kien qala' bi zball pagna ta' ktieb li kien xtara minn ghand tal-Muzew. Jiftakar li ommu kienet dejjem issajjar, qatt ma hallietu nieqes minn xejn, dejjem hadet hsieb id-dar u tliebsu dejjem hwejjeg indaf.

"Gieli ommu kienet tippreparlu l-ikel ghall-lunch tal-iskola u missieru bil-lejl kien jqum u jiekol kull ma jsib.

"**Kolanthony Fenech**, bin il-kontendenti, fl-affidavit tieghu Fol 492, iddikjara li meta ippresenta l-affidavit kellu 37 sena. Hu ddikjara li ra l-affidavit ta' missieru u ma setax joqghod bi kwietu jara li misseru qal tant xorti kontra ommu u hutu meta jaf li ma humhiex veritjeri billi ommu dejjem kienet leali, fidila u qatt ma kienet vjolenti mat-tfal, dejjem hadet hsieb tibghathom lis-skola u taghatihom il-flus biex jmorru jaqbdu tal-linja. Missieru qatt ma kien jaghti manteniment lill-ommu tant li kellha tmur tahdem bhala careworker fid-Dar tal-Provvidenza.

"Ommu dejjem riedet l-ghaqda fil-familja, qatt ma lisnet kelma hazina kontra missieru, li kien vjolenti maghha billi kien isawwat kemm lilha fif ukoll it-tfal. Minn meta x-xhud kellu tmien snin missierhom kien jipprettendi li t-tfal jahdmu, jiftakar li missieru kien jmur ghalih mill-iskola, l-anqas jaghtih cans ibiddel l-uniformi, kien jiehdu mieghu biex jahrat l-ghalqa. Il-missier kien jahqar lit-tfal kollha, l-anqas 10 cents ma kien jaghtihom meta jitolbuh.

"Semma l-incident meta missieru gera wara ommu b'senter, darba ohra tefghalha flixkun tal-kaffe u qasmilha mohha, u wara hedidha li jekk tikxfu jtajrilha rasha bis-senter. Kemm l-omm kif ukoll it-tfal kienu mbezzghajn minnu. Iddikjara li l-affidavit ta' missieru ma fih xejn hlief gideb. Mhux minnu li missieru kien xtara l-ghamara u t-television, dawn nxtraw bi flus li kienet wirtet l-omm minn ghand il-genituri taghha, kienet wirtet kemm flus, rikavat tal-bejgh ta' post fi Triq Ramija Siggiewi, kif ukoll il-fabbrika tal-ghagin. Kienet ommu li xtrat il-borom u l-kcina ghax kienet tiddeletta u mhux missieru. Mhux minnu li l-omm kienet issawwat lit-tfal, kien il-missier li jsawwat kemm lilha kif ukoll it-tfal. Semma l-kas meta kien hallas LM 4,000 fuq konvenju u missieru ma rrifondilhux il-flus lura. Kienet biss l-omm li tiehu hsieb ta' kollox u tipprova zzomm l-paci fil-familja, kienet tipprovdi ghal kollox u ghal kullhadd hi u anke harget tahdem biex tlahhaq mal-ispejjes tal-familja. Missieru kien anke jsiefer wahdu, darba biss hadha mieghu meta marru cruise l-Alaska.

"**George Cremona**, ghall-Ufficju tas-Sigurta' Socjali, Fol 524, ikkonferma li l-attrici qabel it-2 ta' Awwissu 2008 ma kienet tircevi l-ebda benefiicju, u b'effett mill-imsemija data bdiet tircevi Euro 86.55, rata ta' pensjoni kontributorja fil-gimgha, Euro 9.69 rata ta' beneficcji socjali u Euro 4.57 allowance supplimentari fil-gimgha. Hu ppresenta document market Dok AF1 Fol 526, li juri r-rati li ppercepiet l-attrici.

"Dwar il-konvenut Emmanuel Fenech, ippresenta document, Dok GC1, Fol 574, b'konferma li l-konvenut jircevi l-pensjoni taz-zewg terzi, li tinhadem fuq l-income, l-ahjar 10 snin, u l-kontribuzzjonijiet li thallsu ammontanti ghal Euro 144.77 fil-gimgha kif ukoll weekly bonus ta' Euro 3.12 u six monthly bonus ta' Euro 5.20.

"**Il-konvenuut Emanuel Fenech** ppresenta l-affidavit tieghu b'nota tal-14 ta' Settembru 2011. Hu kkonferma Fol 617, li zzewweg lill-attrici

fl-20 ta' Awwissu 1972. Huma tgharsu wara sitt xhur li bdew johorgu flimkien u ghamlu sena gharajjes qabel izzewwgu. Meta ltaqghu hu kellu 24 sena u hi kellha 26 sena. Kemm il-genituri taghha kif ukoll l-erba hutha kienu gia' mietu meta sar jafha. Hu kien joqghod Haz-Zabbar u hi kienet toqghod wahedha f'dar antika is-Siggiewi u ddecidew li jirrangaw d-dar antika taghha u jmorru jghixu hemm. Din d-dar tinsab s-Siggiewi, Ta' Brija Road numru 105 gia' numru 63. Id-dar kellha bzonn hafna xogholijiet li hu jghid li saru bi flusu biss, li kien jikkonsistu f'madum, kmamar tas-sodda, kcina bl-appliances, kamra tal-banju, kisi u tibjid tal-post kollu. Hu jghid li qabel iz-zwieg ghamel dawn l-ispejjes:

"Sett tal-kamra tas-sodda …………………………...Euro2,096
Bank tal-kcina siggijiet u mejda……………………...Euro700
Fridge, cooker,borom, cutlery………………………..Euro700
Television Black and White………………………....Euro 250
Xoghol ta' kostruzzjoni fin-1987/1988,
skont stima tal-Perit Joseph Cassar
li jammontaw ghal…………………………..……..Euro22,601
Spejjes fid-dar antika tas-Siggiewi…………………..Euro26,374

"Xehed li l-inkwiet bejniethom kien gja' jezisti meta kienu ghadhom gharajjes, gieli kien jmur lura ghand ommu f'Haz-Zabbar u wara xi tlett tijiem kienet tmur tfittxu tikbi u hu jghid li kien jaqa' ghaliha ghax kien jithassarha billi kienet wahedha. F'sena gherusija hassru u rrangaw xi hames darbiet. Hu jghid li hi kellha lsiena hazin, kienet taghajru bil-genituri tieghu, toffendih u timpika mieghu. Kienet tiggieled mal-girien u mal-kugini taghha. Kemm min tellaghha fuq l-artal kemm ix-xhud taghha fiz-zwieg kienu barranin.

"L-ispejjes tal-engagement u tat-tieg harighom hu. Jghid li l-attrici ma kienitx tahmel lill-genituri tieghu ghax fil-politika ma kienux jzommu mal-partit taghha. Jghid li l-anqas kienet tahmel lill-hutu u li kienet toffendihom. Kienet tiggieled ukoll max-xufiera tat-trukkijiet tal-gebel minhabba t-trabijiet u d-dhahen. Kienet twaqaffhom, toffendihom bil-familja u tkellimhom hazin. Jghid li kien jgib ghajnejh wara widnejh, riedet tiddomina t-triq kollha u kulhadd, inkluz hu, kien jibza minnha. Jghid li iggieldet mal-girien wahda jisimha Dolor u l-ohra jisimha Rita u li maghhom ohra Zarena Fenech. Ma' Dolor u Rita u zwieghom spiccat il-Qorti. Kien ghalhekk li telqet minn hemm u marret fil-fond 22, Triq il-Qiegha, Siggiewi li hu post b'kamra wahda tas-sodda.

"Sena u nofs wara z-zwieg twieled l-ewwel tifel Kol Anthony. Mill-ewwel induna li kienet taghmel xi affrjiet li ma kienux normali, bhal meta t-tifel kien ghadu tarbija, biex ma jibkix kienet taghtih bajda nejja f'grogg whiskey. Meta kien jghidilha li dak ma kienx normali kienet tirrispondi li b'hekk izzommu rieqed gurnata shiha. Illum t-tifel ghandu 36 sena spicca alkoholiku u ssepara minn martu. Jghid li mat-tfal kienet kattiva, mal-lejl rari kienet tqum, kienet thallihom jibku. Jghid li kien jqum hu biex jaghtihom il-halib jew jbiddlilhom. Meta kibbru kienet

issawwathom bil-bicca tal-art, kienet torbothom biex ma joqghodux jiggru u jhamgulha u meta fl-4.30pm kien jigi lura mix-xoghol tal-gebel, kien inehhi l-qafla hu u joqghod jilghab maghhom. Jghid li kien jiggieled maghha ghax kien jaraha tahqar lit-tfal, mentri hu jghid li lit-tfal qatt ma sawwathom.

"Jghid li lit-tifel Darren darba griet warajh b'sikkina u lit-tifel Fabio kissritlu l-bagalja fejn kellu l-hwejjeg tal-abbattini. Jghid li ma rieditx li l-appartament f'Ghawdex jinxtara f'isem it-tifel Fabio.

"Jghid li t-trobbija tat-tfal ghal hafna snin kienet f'idejh. Iddecidiet li tmur tahdem bil-lejl, u damet 15 il-sena tahdem night shift, fl-istess zmien hu kien jadem ta' watchman bil-lejl. Jghid li ma kienitx issajjar, la ghalih l-anqas ghat-tfal; ma kellhiex ghalfejn tohrog tahdem billi hu kien full time watchman mal-Gvern u part time kellu il-farm u kien jaqlahha tajjeb.

"Lit-tfal kien johodhom jieklu tas-Sliema, meta hu kien watchman Tigne', johodhom mieghu fuq ix-xoghol, jorqdu tnejn quddiem u tnejn wara fil-karozza u fis-6am johodhom id-dar jinhaslu, jilbsu ghall-iskola, jaghmillhom il-lunch u jwassalhom l-iskola Hal-Qormi u Haz-Zebbug. Hi qatt ma gabet nies id-dar ghall-facendi, billi hafna mix-xoghol kien jaghmlu hu.

"L-attrici kienet tahdem fid-dar tal-Provvidenza, kienet tirkeb il-Minivan mill-pjazza tas-Siggiewi, dejjem kienet tillitiga ma' shabha tax-xoghol tant li d-driver jghidhulu 'il-kwattru' kien jsikkitha.

"Jghd li mat-tifel KolAnthony li kien jahdem fil-gebel kienet iggieldet billi kien jidhol d-dar kollu trab u kienet tghidlu jbiddel fil-bitha u dan mar jghix ma' familja fil-Qrendi. Kemm il-darba kien stiednu biex jirritorna d-dar, kien anke mar il-Qrendi jistennieh hiereg ghax-xoghol kmieni fil-ghodu. Fil-fatt kien rritorna d-dar ghax qal li l-familja mill-Qrendi keccewh ghax ma kienx ghadu jahdem. Hutu silfuh il-hwejjeg u hu ta xi flus lill-attrici biex tixtrilu l-hwejjeg. Jghid li martu ma kienitx tinteressa ruhha fl-edukazzjoni tat-tfal, u li kien hu li insista li t-tifel Fabio jmur il-privat ghall-Ingliz u ghadda ghall-Junior Lyceum; anke parents day u attivitajiet tal-iskola, hu biss kien jiehu interess u jattendi.

"Jghid li l-mara ghandha dominanza assoluta fuq it-tfal, KolAnthony u Simon jkellmuh bil-mohbi ta' ommhom, Darren jghix mieghu u ommu ma tkellmux, u Fabio jghix maghha u jibza minnha.

"Jghid li kemm damet tahdem martu qatt ma ikkontribwit xejn ghall-hajja, il-kontijiet kollha kien jhallashom hu bhal dawl u ilma, licenzji, karozzi,u spejjes tal-fabbrika. Il-paga taghha kienet tonfoqha mal-hbieb, ilbies, hwejjeg u coffee mornings.

“Ghamel bicca negozju Haz-Zabbar, qala il-flus u stiedinha taghzel holiday. Ghazlet cruise ta’ 20 gurnata fl-Alaska, marru bit-tifel Fabio u swietlu Euro 11,000 ghat-tlieta u waqt il-criuse kienet tgerger ma’ kull hadd li ma kienitx kuntenta.

“Jghid li kemm il-darba refghet idejha fuqu, taqbdu mill-qmis u tqaccattlu l-buttuni jew taghtih fuq rasu b’kuccarrun jew mgharfa tal-injam biex tipprovokah.. Jghid li kienet tghidlu li ghandha wiehed minn haz-Zebbug ta’ 45 sena, li ghandu l-flus u tkun kuntenta mieghu, mentri lilu taghajru “Inti issa ohxon, qisek xkora haxix”.

“Jichad li qatt hedded lil martu b’senter, ma jafx b’rapporti fl-Ghassa, l-Pulizija qatt ma baghatu ghalih. Jichad ukoll li tefahha fl-art meta kienet tqila b’Darren,li ghamel mus ma’ ghonqha u heddidha bih,u li sakkarha go karma u faragha.Jichad li ghandu mara ohra u li kien qed jitbewwes maghha f’San Pawl il-Bahar, jghid li qieghed fi group ta’ separati u romol u jitkellem ma’ kullhadd.

“Jghid li ghal hames snin shah martu kienet miksura ma’ binhom Horace u illum hi miksura ma’ Darren u ma KolAnthony u xehedet fil-Qorti kontrih li hareg ghaliha bis-senter. Finalment iddikjara li t-tnejn jircevu il-pensjoni u hu jonfoq hafna minnha fuq il-medicini.

“Il-Perit Alan Saliba, fir-relazzjoni tieghu ppresetata fit-2 ta’ Mejju 2013, Fol 653 et seq ghamel deskrizzjoni u valutazzjoni tal-propjetajiet tal-partijiet li jammontaw ghal Euro 591,000 Fol 674.

“L-Espert Kalligrafu, Dottor Martin Bajada, fir-relazzjoni tieghu ppresentata fl-10 ta’ Gunju 2015, ikkonkluda, Fol 834, li l-kitba fuq il-pitazz Dok DL1 mhiex tal-konvenut Emanuel Fenech, mentri il-firma fuq ir-retro tac-cheque numru 407 tal-BOV Dok AM1 saret minn Emmanuel Fenech.

“Il-Perit Legali, Dottor Anna Maria D’Agostino, kkonfermat ir-relazzjoni taghha fit-8 ta’ Marzu 2016 Fol 912 et seq, u waslet ghall-konkluzzjonijiet segwenti:

“Kemm l-attrici, kif ukoll il-konvenut naqsu li jippruvaw l-allegazzjoni ta’ adulterju tal-parti l-ohra.

“Iz-zewg partijiet huma responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg minhabba l-atteggjament taghhom fil-konfront ta’ xulxin, dak li fis-sentenzi hu indikat bhala atteggjament ta’ vessazzjoni kontinwa fil-konfront ta’ xulxin, oltragg u umiljazzjonijiet li jirrendu l-konvivenza impossibbli.

“In oltre, il-fatt li t-tnejn akkuzaw lil xulxin b’adulterju, li ma irrizultax mill-provi, jikkostitwixxi skont il-gurisprudenza ingurja gravi li tiggustifika t-talba ghal separazzjoni personali.

“It-talba dwar il-kura u kustodja tal-minuri giet illum superata billi l-ulied kollha tal-partijiet huma illum maggjorenni.

“Ebda parti ma ghandha titqies li ddekadiet mid-drittijiet taghha dwar manteniment u pproponiet li l-pensjonijiet li jircevu l-partijiet jinqasmu ugwalment bejniethom.

“Emmanuel Fenech jircevi Euro 153.09 kull gimgha, Euro 612.36 kull erba gimghat, mentri Antonia Fenech tircevi Euro 109.13 fil-gimgha, Euro 436.52 kull erba gimghat. Bejniethom kull erba gimghat jircevi Euro 1048.88, ghalhekk kull parti ghandha tircevi Euro 524.44 kulll erba gimghat. Ghalhekk biex issir ekwiparazzjoni l-konvenut irid ihallas lill-attrici Euro 87.92 kull erba gimghat,(Euro 524.44-Euro 436.52).

“Ghalkemm it-tifel Fabio hu illum maggiorenni, l-attrici qed titlob il-manteniment tieghu minn April 2009 sa Novembru 2009 ammontanti ghal Euro 936, sitt xhur manteniment Euro 156 fix-xahar.

“Il-Perit Legali irrakkomandat l-akkoljiment ta’ din it-talba tal-attrici billi tirrizulta giustifikata.

“Dwar id-divizjoni tal-propjeta’ immobiljari tal-komunjoni il-Perit Legali qablet mal-pjan propost mill-attrici, billi wara s-separazzjoni ghandha tigi possibilment evitata s-sitwazzjoni li l-partijiet jirrisjedu vicin xulxin. Kull parti ghandha tiehu l-ghamara li tinsab fil-fond lilha assenjata.

“Il-proposta tal-attrici, Fol 802, hi s-segwenti:

“Lill-attrici ghandhom jigu assenjati dawn il-propjetajiet:
20A Triq il-Qiegha, Siggiewi. Mezzanin bil-valur ta’ Euro112,000.
22 Mater Grazia Triq il-Qiegha Siggiewi. Terran bil-valur ta’Euro94,000.
20 Triq il-Qiegha, Siggiewi. Garage bil-valu ta’Euro16,000.
13, Triq il-Qiegha Siggiewi. Garage bil-valur ta’ Euro26,000.
17 Triq il-Qiegha, Siggiewi. Garage bil-valur ta’ Euro22,000.
Total ta’ Euro270,000.

“Lill-konvenut ghandhom jigu assenjati dawn il-propjetajiet:
Fond u garage Triq il-Farfett tal-Fejgel,Zabbar bil-valur ta’ Euro190,000.
95, Triq Blat il-Qamar, Siggiewi. Garage bil-valur ta’37,000.
40, drive number 470, Triq Mons M Azzopardi. Garage bil-valur ta’19,000.
41, drive number 470, Triq Mons M Azzopardi. Garage bil-valur ta’19,000.
Total ta’ Euro265,000.

“Vetturi propjeta’ tal-komunjoni hemm tnejn, Seat Marbella numru ta’ registrazzjoni BAT 341 u Suzuki Vitara numru ta’ registrazzjoni JBI

865. Il-Perit Legali kkonkludiet li dawn iz-zewg vetturi ghandhom jinbieghu bil-prezz tas-suq u r-rikavat jinqasam ugwalment bejniethom.

“Dwar id-dghajsa ‘Albatross’ li l-attrici tallega din qeghda fil-pussess tal-konvenut, billi ma saret l-ebda prova dwar l-istess, il-Perit Legali deherilha li ma kellu jittiehed l-ebda provvediment dwarha.

“IL-magni tal-fabbrika tal-ghagin ghandhom jigu stmati, jinbieghu u r-rikavat jinqasam ugwalment bejniethom. Jekk il-konvenut jixtieq jzzommhom ghandu jhallas nofs il-valur taghhom lill-attrici.

“Il-konvenut ghandu kreditu ta’ nofs il-valur tal-benefikati li saru fuq propjeta’ parafernali tal-mara, fl-ammomt ta’ Euro25,500, cioe’ l-ammont ta’ Euro 12,750 filwaqt li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici nofs il-kera tal-garages. Il-kera kien ta Euro233 kull sitt xhur, li minn Marzu 2011 sa Settembru 2016 jammonta ghal Euro2563, nofs l-ammont hu Euro 1281.

“Il-beni parafernali tal-attrici huma l-fabbrika tal-ghagin li wirtet minn ghand il-genituri taghha accessibbli min numri 13 u 17 Triq il-Qiegha, Siggiewi u l-effetti mobbli li jinsabu fil-fond 22, Triq il-Qiegha, Siggiewi li l-Perit Legali elenkat a Fol 965.

“Il-konvenut ghandu jhallas lill-attrici l-ammont ta’ Euro 250 (1/2 l-ammont ta’Euro500) r-rikavat tal-bejgh tal-vettura Mitsubishi mill-konvenut.

“Il-konvenut ghandu jithallas mill-attrici l-ammont ta’ Euro 8161.46 (1/2 l-ammont ta’ Euro 16,322.91) ammont sbankat mill-attrici mill-kont mal-Valletta Fund Management.

“Dwar il-kont kurrenti bin-numru 40017501086 il-konvenut ghandu jithallas mill-attrici l-ammont ta’ Euro 2,500 (1/2 l-ammont ta’ Euro 5,000) sbankat mill-attrici, kif ukoll l-ammont ta’Euro 203.13 (1/2 l-ammont ta’ Euro 406.26) l-interessi fuq l-istess investiment.

“Ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet l-flus li gew depozitati fil-Qorti mill-BOV permezz ta’ zewg cedoli ta’ depozitu cedola numru 959/09 l-ammont ta’ Euro1,575.37 u dik numru 1333/11 l-ammont ta’ Euro 5,264.21.

“Il-partijiet ghandhom jaqsmu ugwalment l-ammonti fil-kontijiet bankarji li ghadhom attivi, it-total jammonta ghal Euro 753.97 u ghalhekk kull parti ghandha tircevi l-ammont ta’ Euro 376.99.

“Dwar l-ispejjes, il-Perit Legali kkonkludiet li fiz-zewg kawzi dawn ghandhom jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

“KONSIDERAZZJONIJIET.

“IL-partijiet zzewgu fl-20 ta’ Awwissu 1972 u kellhom hames subien, Nicholas Anthony, Horace,Simon Paul, Darren Angel u Fabio. L-attrici pprocediet b’kawza ta’ separazzjoni kontra il-konvenut zewgha ppresentata fil-15 ta’ Jannar 2010. Ghalkemm fir-raba’ premessa tar-rikors promotorju tallega l-adulterju ta’ zewgha, hi qed titlob dikjarazzjoni ta’ separazzjoni personali minnhabba swat, vjolenza, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi da parti tal-konvenut zewgha.

“Il-konvenut Emmanuel Fenech, ukoll ipproceda b-kawza ta’ separazzjoni kontra martu, Rikors 74/10 ippresentat fis-26 ta’ Frar 2010 Hu qed jitlob ghal separazzjoni personali minnhabba sevizzi, eccessi, minacci, ingurji gravi u adulterju kommessi min martu, li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment u li l-hajja konjugali saret impossibbli minnhabba inkompatbilita’ ta’ karattru.

“Irrizulta mill-provi li r-ragel kien impjegat full time mal-Gvern bhala watchman, kien ikun xoghol matul il-lejl u matul il-gurnata kellu farm tat-tigieg u kien jbiegh il-bajd lill-hwienet. Wara xi snin, meta t-tfal bdew jitfarfru, matul il-gurnata kien jahdem fil-fabbrika tal-ghagin li l-mara wirtet minn ghand il-genituri taghha, u kien jbiegh u jikkonsenja l-pakketti tal-ghagin fil-hwienet, u f’dan x-xoghol kienu jikkontribwixxu it-tfal ukoll.

“L-omm, meta t-tfal kien ghadhom zghar, hadmet fid-dar, trabbi lil uliedha u tiehu hsieb l-faccendi kollha tad-dar, bhal tisjir u hasil tal-art u l-hwejjeg. Meta bdew jikbru t-tfal bdiet tahdem fid-Dar tal-Providenza, skont il-konvenut, Fol 621 damet tahdem bin-night shift circa 15 il-sena.

“Indubbjament il-partijiet hadmu hafna fil-kors tal-hajja mizzewwga taghhom, u qalghu l-flus, prova ta’ dan hu l-fatt li irrnexxielhom jixtru diversi propjetajiet immobiljari, li skont l-istima li ghamel il-Perit Alan Saliba Fol 675 ghandhom valur ta’ Euro 591,000.

“Ma hemmx dubbju li l-partijiet kkoncentraw fuq ix-xoghol u biz-zmien irnexxhielhom jixtru propjetajiet komplessivament ta’ valuri konsistenti u konsiderevoli, pero’, b’din it-tip ta’ hajja, forsi anke inkonxjament, ittraskuraw il-hajja konjugali taghhom. Li l-mara taghmel 15 il-sena tahdem night shift u r-ragel jahdem watchman kull jum kull lejl m’hiex hajja mizzewwga. Fil-hajja konjugali naturalment x-xoghol ghandu l-importanza tieghu, izda dan m’ghandux ikun akkost ta’ kollox u irrispettivament mill-konsegwenza fuq il-familja. Iz-zwieg jirrikjedi primarjament il-konvivenza vera u reali tal-konjugi. Hu prattikament impossibbli li zwieg jkun success meta il-partijiet jaghmlu 15 il-sena jahdmu bil-lejl, hi fid-Dar tal-Provvidenza, s-Siggiewi u hu bhala watchman tas-Sliema. Il-partijiet mhux biss harbtu hajjiethom izda anke ta’ uliedhom. Mhux normali li l-missier jiehu erba ti tfal mieghu fuq ix-xoghol bil-lejl u jraqqadhom tnejn quddiem u tnejn wara fil-

karozza, johodhom id-dar fis-6am biex jinhaslu u jilbsu ghall-iskola u qabel johodhom l-iskola jghinuh fit-tqassim tal-ghagin fil-hwienet, u wara l-iskola jzommhom sal-10pm jahdmu fil-fabbrika.

“Il-partijiet kellhom hajja stressanti pero’ indipendenti minn xulxin u dan n-nuqqas ta’ komunikazzjoni bejniethom wassalhom biex meta eventwalment kienu jiltaqghu ma kellhomx pacenja ghal xulxin u jispiccaw jitlewmu.

“L-attrici tillmenta mill-vjolenza ta’ zewgha, li ghamlet is-snin mwerwra minnu, u tibza tghix mieghu. Semmiet diversi incidenti, darba heddidha b’mus, drabi ohra bis-senter, ta’ daqqa u faragha u harreg hafna dehem, u darba ohra sabbatha mal-art meta kellha sitt xhur tqala bit-tifel Darren. Il-konvenut fl-affidavit tieghu jichad dawn l-akkuzi, u jallega li l-mara kienet vjolenti mat-tfal u dejjem tiggieled mal-girien. It-tfal, pero’ jikkorroboraw lil omm. Huma ikkonfermaw li l-omm dejjem hadmet biex izzomm il-paci fil-familja, qatt ma kienet vjolenti maghhom, mentri l-missier kien jsawwathom bic-cinturin u meta kienu jahdmu mieghu kien jittratthom hazin, ma kienx jhallashom sew, tant li spiccaw biex telqu jahdmu ma haddiehor fejn kellhom kondizzjonijiet ahjar.

“Il-Perit Legali waslet ghall-konkluzzjoni li dwar l-allegati eccessi,sevizzi u minaccji, il-partijiet ma rnexxielhomx jipprovaw sal-grad rikjest mill-Ligi l-allegazzjonijiet maghmula minnhom fil-konfront ta’ xulxin, Fol 947. Ghalkemm dan hu korrett fil-kas tal-allegazzjonijiet li r-ragel ghamel fil-konfront ta’ martu, dan ma jistax jinghad fil-konfront tal-mara. Ix-xhieda taghha, dwar il-vjolenza tar-ragel, hi verosimili u attendibbli u hi kkonfermata u kkoroborata mix-xhieda tal-ulied. Il-vjolenza, it-theddied, l-eccessi u l-minacci tar-ragel fil-konfront tal-mara kienu certament wahda mir-ragunijiet li ddeterminaw it-tkissir ta’ dan iz-zwieg.

“Il-partijiet jakkuzzaw lil xulxin b’adulterju. L-attrici fl-affidavit taghha, Fol 74 tghid hekk:

> “ Rajtu jiena stess ma’ mara ohra jizfen go San Pawl il-Bahar fejn kien qieghed ibewwes fiha.” “ Sentejn ilu, telaq mid-dar minnghajr lanqas ma qalli, ha il-hwejjeg kollha tieghu u wara erba tijiem gie lura”.

“Il-konvenut fl-affidavit tieghu, Fol 624 jghid li martu qaltlu:

> “…..ma nahmlekx, inti issa ohxon, qisek xkora haxix, ghalhiex jien ghandi wiehed minn Haz-Zebbug ta’ hamsa u erbghin sena. Ghalhiex jien minhiex bzonnok, ghalhiex hu ghandu il-flus, u mieghu niehu pjacir u mieghu kuntenta.”

“Il-partijiet, apparti l-premess, ma gabu l-ebda prova ohra in sostenn ta’ din l-allegazzjoni ta’ adulterju.

“Fil-kawza fl-ismijiet “ **Rosina Micallef vs Angelo Micallef** “ deciza ill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta’ Gunju 1964 ntqal:

> “ L-adulterju jista’ jigi ppruvat permezz ta’ indagni u presunzjonijiet, purche’ dawn jkunu gravi,precizi u konkordanti, b’mod li ma jhallux ebda dubbju f’min ghandu jiggudika.”

“Fil-kawza fl-ismijiet “ **Josephine Edwards vs Dottor Joseph H Xuereb noe**” deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta’ Frar 1961 ntqal li:

> “ Ghall-prova tal-adulterju ma hemmx bzonn ta’ testimonjanza ‘de visu’ jew il-flagranza imma bizzejjed il-konkors ta’ cirkostanzi precizi, gravi u univoci, illi jwasslu lill-giudikant ghall-konvinciment tal-fatt.”

“Fil-kas in ezami il-partijiet naqqsu milli jipproducu provi gravi ,precizi u konkordanti, li skont il-gurisprudenza, ghandhom jwasslu biex jikkonvincu lill-giudikant li effettivament kien hemm adulterju.

“Kif tajjeb irrilevat il-Perit Legali, Fol 947, meta wiehed mill-konjugi jakkuza, jallega jew jaddebita relazzjonijiet extra maritali, una volta dawn ma jigux ppruvati, jikkostitwixxu ingurja gravi, li anke wahedha taghti lok ghas-separazzjoni. ( “**Hugh Greengrass vs Lucia Greengrass**” deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta’ Ottubru 2003).

“Dan jfisser li anke l-attrici hi in parti responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg. Il-konvenut hu principalment responsabbli billi rrizultat il-vjolenza tieghu fil-konfront ta’ martu u uliedu, u akkuza lill-martu b’adulterju li ma giex ppruvat, mentri l-attrici hi ukoll in parti responsabbli billi akkuza ta’ adulterju li ma tirrizultax ippruvata tammonta ghall-ingurja gravi fil-konfront tal-parti l-ohra.

“Fir-rigward tat-talba ghall-manteniment ghaliha u ghal Fabio, il-Qorti hi tal-fehma illi una volta l-attrici ghandha d-dhul taghha mill-pensjoni u beneficcji socjali filwaqt li iben il-partijiet llum hu maggorenni, l-ebda manteniment ma hu dovut.

“**DECIDE.**

“Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi prevja li tichad u tilqa’ l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut fid-dawl ta’ din id-decizzjoni,

“1. Tilqa’ in parti l-ewwel talba attrici, u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Fenech u dan principalment minhabba vjolenza, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi da parti tal-konvenut, kif ukoll sussidjarjament bil-kontribuzzjoni tal-istess attrici li kkommettiet ingurja gravi fil-konfront tal-konvenut meta allegat l-adulterju tieghu li ma giex ipprovat;

"2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba attrici dwar il-kura u kustodja tat-tifel minuri Fabio billi dan illum ma ghadux minorenni;

"3. Tichad it-tielet talba attrici dwar il-manteniment ghall-attrici u binha il-minuri Fabio, billi dan hu illum maggiorenni, pero' tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici arretrati ta' manteniment ghat-tifel Fabio minn April 2009 sa Novembru 2009 ammontanti ghal Euro 936;

"4. Tilqa' r-raba' talba attrici, tordna x-xoljiment tal-kommunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess, kif propost ~~mill-attrici u approvat~~[1] ~~–~~mill-Perit Legali, ~~Fol 802 tan-nota tal-attrici~~[2], u tinnomina lin-Nutar Dottor Nicholas Briffa sabiex jircevi l-Att opportun u lill-Avukat Dottor Joseph Zammit sabiex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

"5. Tilqa' il-hames talba attrici u tikkundanna lill-konvenut jirritorna lill-attrici l-assi parafernali kollha taghha,mobbli u immobli, kif elenkati fir-relazzjoni tal-Perit Legali taht it-titolu Beni Parfernali, Fol 964 tar-relazzjoni peritali; tordna d-divizzjoni tal-assi mobbli kif propost mill-Perit Legali, kif riportat supra;

"6. Tilqa' is-sitt talba attrici u tawtorizza lill-attrici tghix fid-dar matrimonjali 22 Triq il-Qiegha, Siggiewi ad eskluzzjoni tal-konvenut;

"7. Tichad is-seba' talba attrici..

"L-ispejjez jithallsu tlett kwarti mill-konvenut u kwart mill-attrici".

Minn din is-sentenza appella l-konvenut li talab biss varjazzjoni dwar id-dikjarazzjoni tar-responsabbilità ghat-tifrik taz-zwieg u l-kap tal-ispejjez.

L-appellant jilmenta li huwa ma kellux ikun addossat bir-responsabbilità principali ghat-tifrik taz-zwieg, tenut kont tal-provi li ingabru. Jirreferi wkoll ghar-rapport peritali illi irrakkomanda li l-partijiet kienu t-tnejn illi huma responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg b'mod ugwali.

[1] Korrezzjoni awtorizzata permezz ta' digriet datat 27 ta' April 2017
[2] Korrezzjoni awtorizzata permezz ta' digriet datat 27 ta' April 2017

Fir-rigward tal-perizja huwa minnu li l-Qrati taghna ghal diversi drabi ghamlu taghhom il-konkluzjonjiet peritali bhal per ezempju fil-kawza fl-ismijiet **Giswarda Bugeja v. Emanuele Muscat et** (23 ta' Gunju 1967) fejn qalet illi "*ghalkemm il-Qorti mhux marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali kontra l-konvinzjonijet taghha innifisha, u l-konkluzjonijiet peritali bhal materjali istruttorji ohrajn kontrollabbli mill-gudikant, madankollu 'il giudizio del' arte' espress mit- tekniku ma jistghux u ma ghandux, ... ...., jigi skartat facilment, ammenokke' ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma fil-kumpless kollhu tac-cirkostanzi irragonevoli*". Bl-istess mod il-Qorti (Prim'Awla) ippronunzjat ruhha fil-kawza fl-ismijiet **Josephine Micallef v. Louis Zammit**, deciza fil-11 ta' Ottubru 2010 u ikkonfermata minn din il-Qorti fil-31 ta' Ottubru 2014, u aktar ricentement il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Kummissarju tal-Artijiet v. Mugliette et** deciza fit-28 ta' Marzu 2014 u **Giulia Curmi et v. Guzeppi Schembri** deciza fl-24 ta' April 2015.

Madankollu wiehed jista' jiddeduci li f'dawn il-kawzi l-Qorti kienu qed jirreferu ghall-perizji teknici u mhux ghal konkluzjonijiet ta' perit legali fejn naturalment il-Qorti li tkun qed tiddeciedi l-kawza tkun aktar f'pozizzjoni li taghti gudizzju informat fuq l-istess perizja milli meta l-perizja tkun fuq materja li taghha l-Qorti ma tkunx esperta – tant li hija stess tinnomina espert fil-materja.

L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-allegazzjonjiet tal-appellata kienu aktar verosimili u wara li ezaminat l-atti ddecidiet li l-appellant kien jahti principalment ghat-tifrik taz-zwieg. Din il-Qorti ezaminat l-atti u ma tara mkien fejn ma taqbilx mal-konkluzjoniet tal-ewwel Qorti. Ghandu jinghad illi hafna mill-aggravji msemmija mill-appellant f'dan ir-rigward jirrigwardjaw evalwazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi lli ingiebu quddiemha – kompriz il-kredibbilità tax-xhieda. Dwar dan, u cioè, fejn jidhol apprezzament tal-provi kif qalet din il-Qorti stess fil-kawza fl-ismijiet **Phyliss Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995 "*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti*". Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li "*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor*".

"*Huwa appena necessarju li tigi mfakkra l-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti in materja fis-sens li hija ma tiddisturbax l-apprezzament li tkun ghamlet lewwel Qorti tal-provi migjuba quddiemha jekk mhux ghal ragunijiet validi wara li din il-Qorti tkun ezaminat il-provi u l-ligi applikabbli u tikkonkludi li l-ewwel Qorti ma setghetx legalment jew*

*ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha*"*.* (**Borg v. Galea**, Appell, 3 ta' Marzu 2011). Naturalment, "*Din il-Qorti pero' f'kaz tapprezza ukoll li id dover taghha xorta huwa li tesamina sewwa l-provi imressqa u barra minn hekk, huwa ukoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja*"*.* (**Attard et v. Direttur tas Sahha**, Qorti tal-Appell, 30 ta' Mejju 2014). Huwa minnu li hafna mill-provi ingabru mill-perit legali u allura kienet hi li semghet il-provi madankollu l-ewwel Qorti semghet xi provi wkoll hija stess u allura setghet taghmel il-konstatazzjonijiet taghha minn dak li semghet. Il-Qorti mhijex tenuta bil-fors li toqghod fuq il-konkluzjonjiet peritali, specjalment fil-kaz ta' perizja legali (**George Attard v. Michele Galea**, Prim'Awla, 25 ta' Frar 1956) Ghalhekk din il-Qorti ma thossx li hemm ragunijiet biex tvarja dak li l-ewwel Qorti ddecidiet fid-diskrezzjoni taghha a bazi tal-provi voluminuzi li kellha quddiemha.

It-tieni aggravju jirrigiwardja l-ispejjez tal-kawza. Naturalment, l-appellant ibbaza din it-talba fuq l-ewwel aggravju peress li huwa insista li ma kellux responsabbilità principali ghat-tifrik taz-zwieg u allura konsegwentement l-ispejjez ukoll kellhom jinqasmu ugwalment.

L-Artikolu 223 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jidher li jenuncja zewg regoli. Fl-ewwel subinciz tieghu jipprovdi li "kull sentenza definittiva ghandha tikkundanna lit-tellief ghall-ispejjez". Skont id-dispost tat-tielet subinciz "*il-qorti tista' tordna li kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha, meta kull wahda mill-partijiet tkun ittelliefa f'xi punt tal-kawza, jew meta jindahlu kwestjonijiet difficli tal-ligi, inkella ghal xi raguni tajba ohra*".

Fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-16 ta' Settembru 2004, fl-ismijet **Falzon v. Xuereb** intqal illi:

> "Jinsab ritenut illi "*minn din id-dispozizzjoni esplicita jirrizulta car u manifest li l-Qorti meta tittempera l-ispejjez ma tistax tmur aktar l'hemm milli tordna illi l-ispejjez ma jigux intaxxati; salvi eccezzjoni specjalissimi*" **(Kollez. Vol XLVIII pI p445; Vol XXXIX pI p340; Vol XXVI pI p173)**.

Huwa rikonoxxut pero` li jezistu kazijiet li fihom ma tkunx qed issir gustizzja mal-parti proceduralment sokkombenti jekk ma tigix b'danakollu mehlusa ghal kollox mill-ispejjez. Gie infatti enuncjat illi "*l-imsemmija dispozizzjonijiet tal-ligi taghna ma jidherx li kkonsidraw dawk ir-regoli bhala normi talment tassattivi u nflessibbli illi ma jippermettux f'certi kazijiet illi l-parti proceduralment vincitrici tehel l-ispejjez kollha*" (**Kollez. Vol XLIX pI p190**). B'ezempji din is-sentenza ssemmi l-kaz fejn il-proceduri jsiru fl-interess esklussiv tal-attur u l-konvenut ma jkollu l-ebda interess li jikkontesta u s-sokkombenza tieghu tkun wahda sempliciment formali. Hekk insibu a **Vol XXXIII pII p55** illi "*jekk l-atturi*

*jridu dikjarazzjoni mill-Qorti l-ligi ma tipprojbix illi l-Qorti tippresta l-ufficcju taghha biex taghti dik iddikjarazzjoni pero` a spejjez ta' min jitlobha, jekk il-parti lohra ma tikkontestax id-dikjarazzjoni*". Ezempju iehor hu dak fejn l-attur jitlob il-korrezzjoni tal-atti tal-istat civili. Anke hawn di norma l-ispejjez jigu sopportati mill-attur.

Dan premess, jokkorri li din il-Qorti tezamina jekk fil-meritu kienx hemm cirkostanzi li kienu jissuggerixxu xi temperament in via ta' xi eccezzjoni specjalissima. Ghar-rigward ta' din ir-ricerka gie deciz illi "*nulla osta in legge che la Corte d'Appello prenda cognizione del merito non per rivederlo ma unicamente per stabilire se, alla stregua della decisione non impugnata circa a tale merito, il capo delle spese sia stato bene definito*". (**Kollez Vol XXV pI p 793).**

Peress li din il-Qorti se tikkonferma s-sentenza appellata ma hemmx lok ta' varjazzjoni fid-decide dwar il-kap tal-ispejjez salv ghall-ispejjez tal-perizja kalligrafika ta' Dr Martin Bajada li kif sewwa issenjala l-appellant, kienet tiggustifika l-pozizzjoni tieghu. Ghalhekk huwa gust li din l-ispiza tbatiha l-appellata li kienet talbitha (**Maria Concetta Scicluna v. Carmelo Meli**, Qorti tal-Appell, 5 ta' Gunju 1967).

L-appellant ma ressaqx aggravji ohra u allura l-kapijiet l-ohra tas-sentenza gia ghaddew in gudikat.

**DECIZJONI**

Din il-Qorti ghalhekk tiddisponi mill-appell billi tichdu u tikkonferma s-sentenza appellata hlief ghal perizja kalligrafika msemmija li tkun a kariku tal-appellata. L-ispejjez tal-appell a kariku tal-appellant.

Silvio Camilleri
Prim Imhallef

Tonio Mallia
Imhallef

Joseph Azzopardi
Imhallef

Deputat Registratur
mb